Numru 12,249 www.media.link.com.mt

# IN-NAZZJON

Is-Sibt, 18 ta' Lulju, 2009 €0.42

## L-immigrazzjoni fost il-prijoritajiet tal-Presidenza Żvediża tal-UE

*– L-Ambaxxatur Ulla Gudmundson*

minn **Charles Muscat**

L-Immigrazzjoni illegali hi fost il-prijoritajiet tal-Presidenza Żvediża tal-Unjoni Ewropea matul is-sitt xhur li ġejjin, u fil-jiem li għaddew mal-ewwel bdiet il-ħidma biex tkun miġġielda l-immigrazzjoni kemm fil-Lvant tal-Ewropa u fil-Mediterran. Fil-fatt, saru l-kuntatti biex jibdew id-diskussjonijiet mal-Libja.

Ulla Gudmundson, l-Ambaxxatur tal-Iżvezja għal Malta qalet dan ilbieraħ f'kumment lil *IN-NAZZJON* fi tmien laqgħa ta' djalogu pubbliku dwar il-programm tal-Presidenza Żvediża tal-Unjoni Ewropea.

Il-djalogu kien organizzat mill-Ambaxxata Żvediża f'Malta u mill-*MEUSAC*. Fih ħa sehem ukoll Tonio Borg, il-Viċi Prim Ministru u Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Id-djalogu tmexxa minn Vanni Xuereb, il-Kap tal-*MEUSAC*.

L-Ambaxxatur Gudmundson qalet li l-proġett pilota tal-UE dwar l-immigrazzjoni hu ta' interess kbir għal Malta, u l-Presidenza Żvediża u l-pajjiżi l-oħra membri jappoġġaw dan il-proġett. Hi qalet li l-Iżvezja se taħdem ukoll biex ikun hemm politika għas-snin li ġejjin li taħdem fuq il-problema tal-immigrazzjoni u l-ażil. Il-Presidenza Żvediża se taħdem mal-pajjiżi tat-tranżitu, bħal-Libja u t-Turkija. Hi se tipprova taħdem ukoll mal-pajjiżi li minnhom jitilqu l-immigranti.

Waqt il-preżentazzjoni tagħha, l-Ambaxxatur Gudmundson qalet li l-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja d-dinja bħalissa huma l-kriżi ekonomika dinjija, l-impjiegi, u l-bidla fil-klima. Il-Presidenza Żvediża se tiffoka wkoll fuq dawn il-prijoritajiet. Hi qalet li d-dinja għaddejja minn żmien diffiċli u l-kriżi ekonomika u l-bidla fil-klima huma żewġ sfidi kbar li l-Presidenza Żvediża se taħdem fuqhom fl-istess ħin.

Ulla Gudmundson qalet li l-UE trid li kemm l-Istati Uniti tal-Amerika, iċ-Ċina, l-Indja, il-Messiku u l-Afrika ta' Isfel u pajjiżi oħrajn, jingħaqdu magħha halli jiġġieldu l-bidla fil-klima.

Il-Presidenza Żvediża se taħdem ukoll biex l-Ewropa toħroġ mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, u biex is-sistema tas-suq ħieles fl-Ewropa tibqa'. Hi qalet li l-fatt li Malta daħlet fiż-Zona Ewro kien strumentali biex Malta setgħet tilqa' għall-kriżi ekonomika internazzjonali. Hi qalet li hemm differenza kbira bejn kif intlaqtet Malta u kif intlaqtet l-Iżlanda.

għal paġna 5



Il-Papa Benedittu XVI ixejjer lil dawk miġburin barra l-Isptar ta' Aosta, biex iserrħilhom rashom dwar il-kundizzjoni ta' saħħtu. Huwa qed iqatta' l-vaganzi tas-sajf f'Aosta. Josef Ratzinger, li għandu 82 sena, kellu jiġi rrikoverat minħabba li kiser il-polz f'inċident li seħħ meta żelaq fil-banju, ilbieraħ filgħodu. Madankollu, il-kundizzjoni tiegħu ma kinitx serja ħafna, tant li qabel daħal l-isptar huwa mexxa quddiesa u ħa l-kolazzjon, kif jagħmel is-soltu. (Ritratt: Reuters)

Ara wkoll paġna 15

## Ħames każi fatali f'inqas minn ġimgħa

Raġel ta' 39 sena minn San Pawl il-Baħar, ilbieraħ filgħodu tilef ħajtu b'kawża ta' xokk elettriku li ħa waqt li kien qed jaħdem fuq *yacht*, fil-Birgu.

Minn informazzjoni li ġabar *IN-NAZZJON* jidher li Dennis Cassar kien qed jaħdem fuq il-*yacht* lussuż *Sans Soucis Star*, li kien marbut fil-*Yacht Marina* tal-Birgu, meta għal xi raġuni huwa ħa xokk. L-inċident seħħ għall-ħabta tal-10.15am.

Ir-raġel ittieħed b'urġenza l-isptar Mater Dei, iżda laħaq miet fit-triq. Hu kien iċċertifikat mejjet għall-ħabta tal-11.10 am. Il-Maġistrat tal-Għassa Lawrence Quintano kien mgħarraf bil-każ u ħatar l-esperti biex jgħinuh fl-inkjesta.

Dan l-inċident fatali fil-Birgu kien l-aħħar wieħed minn sensiela ta' inċidenti koroh li seħħew fl-aħħar jiem.

għal paġna 4

## Tħassar sentenza wara żball mill-Qorti tal-Maġistrati

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono ħassret sentenza ta' sentejn ħabs li kienet tat il-Qorti tal-Maġistrati, peress li xhieda importanti f'każ ta' droga ma kinitx ġiet irrekordjata. Fid-29 ta' Mejju li għadda, Charles Spiteri kien ikkundannat sentejn ħabs u mmultat €880 dwar sejba ta' 35 gramma kokaina li kienet instabet fit-trakk tiegħu.

Is-sejba kienet saret fit-12 ta' Ġunju tas-sena 2002, f'Tal-Balal, wara li l-Pulizija kienet irċiviet informazzjoni li Spiteri, ta' 41 sena minn Ta'Giorni, kellu d-droga. Spiteri kien qal fil-Qorti li d-droga misjuba fil-vettura tiegħu x'aktarx li tpoġġiet minn persuna li hu jafha u li għandha problema tad-droga. Madankollu, il-Maġistrat Laurence Quintano kien qal li x-xhieda ta' Spiteri kienet inkonsistenti u sabu ħati ta' pusses ta' droga, iżda mhux għall-użu personali.

Madankollu, il-Qorti tal-Appell qalet li r-*records* tal-Qorti juru li x-xhieda ta' ċertu Noel Azzopardi, li kien xehed fil-każ, ma kinitx disponibbli. L-Imħallef Galea Debono qal li l-ewwel Qorti ma setgħetx tevalwa l-provi kollha, u dan huwa fatt li seta' affettwa s-sentenza. Għaldaqstant, is-sentenza kienet iddikjarata nulla, u l-Qorti ordnat li l-każ jerġa jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati biex terġa' tittieħed ix-xhieda tal-istess Noel Azzopardi. Għalhekk, Charles Spiteri, li għalih deher l-Avukat Arthur Azzopardi, għandu jerġa' jitpoġġa fl-istat li kien fil-kawża tat-12 ta' Diċembru, 2008, qabel ma xehed.

### Riforma fit-trasport pubbliku

Il-Gvern jippubblika sejħa għall-interess lill-organizzazzjonijiet b'esperjenza fit-trasport pubbliku

Ara paġna 2

### Rapport fuq id-divorzju

Rapport ippubblikat mill-Kummissjoni Djoċesana Familja jikkonkludi li d-divorzju ma solva l-ebda problema f'pajjiżi oħra, u għalhekk għandna nitgħallmu mill-esperjenzi koroh ta' ħaddieħor u mhux nikkupjawhom.

Ara paġna 7

### L-Iżlanda

Tapplika formalment biex issir membru tal-Unjoni Ewropea

Ara paġna 15



Dawk li attendew għal din il-fiera tal-ETC kellhom iċ-ċans isiru jafu bl-opportunitajiet tax-xogħol li joffri s-suq bħalissa (Ritratt: Michael Ellul)

# Mijet jattendu għall-Fiera Annwali tal-ETC

Mijiet ta' nies, fosthom żgħażagħ, nhar il-Ġimgħa attendew il-Fiera Annwali tal-Impjiegi li l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, l-*ETC*, torganizza bil-għan li tagħmilha aktar faċli biex dawk li qed ifittxu impjieg ġdid jiltaqgħu ma' min irid iħaddem in-nies.

Madwar 40 kumpanija ppartecipaw f'din il-fiera, intiża biex il-ħaddiema prospettivi jagħrfu aħjar l-opportunitajiet li qed joffri s-suq tax-xogħol.

*IN-NAZZJON* tkellem ma' dawn il-kumpaniji, li spjegawlna kif kienu qed ifittxu l-ħaddiema f'firxa ta' oqsma differenti, kemm manwali, klerikali u anki fit-teknoloġija tal-informatika, kif ukoll kienu lesti jagħtu t-taħriġ neċessarju.

Dawn ikkummentaw kif numru kbir ta' nies applikaw għax-xogħlijiet li huma kienu qed joffru, li jinkludu xogħol fil-qasam tal-*accountancy*, il-*banking*, il-*beauty therapy*, il-kostruzzjoni, il-bejgħ tal-propjetà, kif ukoll fil-qasam tal-amministrazzjoni.

Wara s-suċċess kbir li kellha l-fiera s-sena l-oħra, dis-sena r-rispons ukoll kien pożittiv ħafna, kif spjegaw l-organizzaturi stess waqt li kienu qed joffru l-għajnuna tagħhom biex jiggwidaw lil dawk preżenti lejn l-oqsma li l-aktar huma addatti għalihom.

Ir-rappreżentanti mill-kumpaniji li ħadu sehem setgħu jispjegaw aħjar lil dawk kollha interessati fiex jikkonsisti x-xogħol li kienu qed joffru dawn l-intrapriżi.

B'hekk, dawk kollha li attendew, li fil-parti l-kbira tagħhom kienu żgħażagħ, setgħu japplikaw għal dawk l-impjiegi li l-aktar jinteressawhom u li joffru prospettivi sbieħ fil-karriera ppreferuta tagħhom.

Waqt il-fiera, wieħed seta' jakkwista informazzjoni wkoll dwar l-opportunitajiet tax-xogħol f'pajjiżi oħra, membri fl-Unjoni Ewropea, permezz tat-taqsima tal-*EURES* fi ħdan l-*ETC*.

# Hemm bżonn li aktar pajjiżi jagħmlu bħal Franza

*– Il-Ministru Carm Mifsud Bonnici*

Il-piż tal-immigranti li Malta qed tirċievi jiswa aktar mill-miljun immigrant li jaslu f'pajjiżi bħal Franza, il-Ġermanja u l-Italja.

Dwar dan insista Carm Mifsud Bonnici, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern, waqt laqgħa tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea responsabbli mill-immigrazzjoni, li matulha ġiet diskussa l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar l-immigrazzjoni illegali.

Waqt il-laqgħa, il-Ministru Mifsud Bonnici kompla jinsisti dwar l-importanza li pajjiżi oħra, bħal Franza, li sa issa ħadet 92 immigrant, jieħdu xi immigranti minn Malta biex jittaffa l-piż fuq il-pajjiż. Hu sostna li dan ikun pass fid-direzzjoni t-tajba.

Waqt din il-konferenza, l-Iżvezja wiegħdet li l-immigrazzjoni tkun prijorità waqt il-Presidenza tagħha tal-Unjoni Ewropea. L-għan tagħha hu li tħejji l-mekkaniżmu dwar l-immigrazzjoni għax-xhur u s-snin li ġejjin. Minkejja dan, Malta, il-Greċja u l-Italja insistew li l-problema hija aktar imminenti.

Min-naħa tiegħu, Prokopios Pavlopoulos, il-Ministru tal-Intern Grieg enfasizza l-fatt li l-problema tal-immigrazzjoni mhix biss problema tal-Greċja, imma tal-Unjoni Ewropea kollha. Il-fruntieri tal-Greċja m'humiex biss tal-Greċja imma tal-Unjoni Ewropea, u huwa għalhekk li hemm bżonn ta' aktar infurzar permezz tal-użu tal-Aġenzija *Frontex*, kompla jgħid il-Ministru Grieg. Hu temm jgħid li hemm bżonn li tittieħed ukoll azzjoni minn dawk il-pajjiżi minn fejn jibda t-traġitt tal-immigranti, u li dawn jikkommettu ruħhom li jerġgħu jirċievu l-immigranti irregolari lura.

Mitlub jikkummenta, Jacques Barrot, il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja qal li minkejja l-kriżi ekonomika, il-pajjiżi-membri tal-Unjoni Ewropea għandhom ir-responsabbiltà li jagħtu l-assistenza lil dawk li jikkwalifikaw għal status ta' refuġjat.

# Minkejja r-riżorsi limitati Malta qed tonora l-obbligi tagħha

***minn paġna 1***

Dwar l-immigrazzjoni, Ulla Gudmundson qalet li d-diffikultajiet li qed tiffaċċja Malta qed ikunu innutati mill-UE. Dwar l-għajnuna lin-negozji ż-żgħar u l-medji, l-Ambaxxatur Gudmundson qalet li l-Presidenza Żvediża se taħdem biex il-kwistjoni tal-*patent* Ewropea tingħata l-attenzjoni meħtieġa.

Il-Viċi Prim Ministru fakkar li Malta qed tiffaċċja l-problema tal-immigrazzjoni illegali bir-riżorsi limitati li għandha. Iżda fl-istess ħin, hi qed tonora l-obbligazzjonijiet internazzjonali tagħha ma' dawk li għandhom id-dritt għal stat ta' refuġjat jew protezzjoni umanitarja. Hu ħeġġeġ lill-Presidenza Żvediża biex tpoġġi l-immigrazzjoni fuq quddiem fl-aġenda tagħha u biex ittaffi l-piż li qed iġġorr Malta u pajjiżi oħra fil-Mediterran, li wkoll qed jiffaċċjaw dawn id-diffikultajiet minħabba l-immigrazzjoni.

Il-Ministru Tonio Borg staqsa jekk il-pajjiżi tal-UE humiex lesti li volontarjament jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom li jerfgħu parti mill-piż tal-immigrazzjoni. Hu qal li kemm Franza kif ukoll il-Ġermanja ħadu numru ta' refuġjati minn Malta, u jekk pajjiżi oħra membri jagħmlu l-istess, ikunu qed inaqqsu l-pressjoni minn fuq Malta.

Tonio Borg qal li t-tkabbir tal-UE ġab aktar stabbiltà, saħħaħ id-demokrazija, u ġab aktar ordni fl-Ewropa.

intervista...
mal-Prim Ministru u Kap tal-PN
LAWRENCE GONZI
Matthew Xuereb, ġurnalist ta' The Times, jintervista lill-Prim Ministru
il-Ħadd, 19 ta' Lulju bejn il-11am u 12pm
fuq Radio 101 Digital
RADIO101


SHORT BREAK GĦAL ĦDEJN PADRE PIO F'SAN GIOVANNI ROTONDO
Ċemplu lil Mousù Travel Services fuq 21230301, 99710266, 21247218 jew 21440146
MINN €395
26 sa 29 t'AWISSU 2009